**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 224**
**It-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2024 fl-4:00 p.m.**

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### KUMMISSARJU GĦAT-TFAL – INVESTIGAZZJONIJIET

**17055. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il investigazzjoni bdiet il-Kummissarju għat-Tfal minn jeddha għall-perjodu 2013 u 2023 maqsuma sena b'sena?

05/03/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif qed tkun preżentata fi tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 224
25/03/2024

### BCA – TALBIET GĦAL KUMPENS

**15945. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il talba rċeviet l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) sabiex sid ta' proprjetà jiġi kkumpensat mill-assigurazzjoni tal-iżviluppatur għal ħsarat li huwa jkun sofra fil-proprjetà tiegħu, mis-sena 2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'inhi l-proċedura li ġiet segwita f'dawn il-każijiet?

02/02/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtoritá qatt ma tkun infurmata rigward kumpens mogħti minn assigurazzjoni peress li claims miftuħa għand dawn il-kumpaniji privati tal-assigurazzjoni jsiru mil-assikurat u mhux mit-terz.

Seduta 224
25/03/2024

### PERSUNI HOMELESS - STATISTIKA

**16002. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13093 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra statistika ta' kemm persuni kienu rikonoxxuti bħala homeless fil-perjodu 2013-2022?

05/02/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub minnu huwa kif jidher fit-tabella ta' hawn taħt.

| | **2013** | **2014** | **2015** | **2016** | **2017** | **2018** | **2019** | **2020** | **2021** | **2022** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Telefonati ġenwini fuq in-numru **179** fejn il-problema prinċipali kienet **homelessness** | 158 | 173 | 180 | 226 | 236 | 308 | 376 | 645 | 526 | 507 |
| Total ta' telefonati ġenwini fuq **179** | 10068 | 10929 | 10262 | 9370 | 8895 | 9010 | 13567 | 13906 | 13565 | 12515 |
| % ta' telefonati ġenwini dwar **homelessness** | **2%** | **2%** | **2%** | **2%** | **3%** | **3%** | **3%** | **5%** | **4%** | **4%** |

Seduta 224
25/03/2024

**RIFORMA FIL-LIĠI TAD-DROGA - COMPARATIVE ANALYSIS**

**16003. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-comparative analysis li l-Ministeru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni għamel biex ġew imfassla l-ammonti riveduti ta' droga msemmijin fid-dokument li nieda ftit ilu dwar Riforma fil-Liġi tad-Droga, liema comparative analysis tkun turi kif jipparagunaw dawn l-ammonti riveduti ma' dawk viġenti fil-pajjiżi l-oħra tal-Unjoni Ewropea, speċjalment tal-Olanda, Ġermanja, Franza u Belġju?

05/02/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ammonti riveduti tad-droga fis-skeda IV tal-Kap 101 ma jirreferix għal ammonti li huma permessibli jew legali b'ebda mod iżda jitkellmu fuq l-ammonti indikattivi sabiex każ jiġi deċiż mil-Qrati Superjuri jew il-Qrati Inferjuri. L-analiżi li saret tindirizza il-każistika tal-Qrati ta' Malta u l-pieni imposti a bażi tal-ammonti misjuba f'dawn l-aħħar għaxar snin.
Jiġi spjegat li mhux kull pajjiż għandu sistema ġudizzjarja bħal tagħna fejn hemm ammont indikattiv li jservu bħala linji gwida. F'diversi pajjiżi ewropej wieħed iħares lejn iċ-ċirkostanzi u mhux biss lejn l-ammonti. L-iskeda tindika mhux biss ammonti indikattivi bħala linji gwida iżda wkoll fatturi ulterjuri bħal l-involviment o meno tal-individwu.

Seduta 224
25/03/2024

**PBS - DIRECT ORDERS FL-2023 U 2024 - NEFQA GĦAL REFURBISHMENT TA’ STUDIOS**

**16004. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista’ l-Ministru jgħid kemm intefqu flus f’direct orders fl-2023 u fl-2024, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, mill-Public Broadcasting Services (PBS) għal refurbishment ta’ studios? Jista’ jgħid ukoll meta u lil min ingħataw tali direct orders, wieħed wieħed?

05/02/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-PBS li kull nefqa li għamlet il-PBS marbuta mad-domanda in kwistjoni, saret skond ir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (L.S. 601.03).

Intant infurmat ukoll mill-PBS li l-informazzjoni dwar in-nefqa hija waħda kummerċjalment sensittiva.

Seduta 224
25/03/2024

**MCAST – TRASPORT**

**16090. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 13592 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni u ċjoè: Jista' l-Ministru jagħmel trasport mill-Mosta għall-MCAST Paola peress li hawn studenti li jkunu ilhom fuq il-Bus Stop mill-5.30 a.m. u l-karozzi tal-linja jispiċċaw jgħaddu full-up u bit-traffiku ta' filgħodu jispiċċaw jaslu tard għal-lezzjonijiet?

06/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rotta X3 tgħaddi u isservi bus stops fi Vjal Milibrae kif ukoll fi’ Triq iz-Zejfa li jinstabu fl-inħawi magħrufa bħala taż-Żokrija ġewwa il Mosta. Fi triqtha, din ir-rotta tgħaddi u tieqaf fuq il-bus stop Lourdes ġewwa Raħal Ġdid.

Din ir-rotta tibda topera mill-Mosta (Għarusa) fil-0528 ta’ filgħodu u minn Raħal Ġdid (Lourdes) fl-0543 ta’ filgħodu.

Madanakollu, qed tittieħed nota li din ir-rotta mhix tilħaq il-bżonn tal-istudenti Mostin kollha u għaldaqstant fix-xhur li ġejjin ser tiġi evalwata l-possibilità li titjieb l-aċċessibbiltà għal- MCAST ġewwa Raħal Ġdid.

Seduta 224
25/03/2024

**DIRETTORAT TAL-ĦARSIEN TAL-ANNIMALI - SPEZZJONIJIET**

**16091. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet mid-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali fl-2021, 2022 u 2023? Jista' jgħid ukoll f'kemm minn dawn l-ispezzjonijiet instab xi forma ta' ksur tal-liġijiet dwar il-ħarsien tal-annimali?

06/02/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 224
25/03/2024

**IN-NAAXXAR - INDUCTION HUB TAL-MIGRANTS LEARNER UNIT**

**16224. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-pjan fl-immedjat tal-Gvern għall-iskola sekondarja tal-Induction Hub tal-Migrants Learner Unit fin-Naxxar, li minħabba x-xogħlijiet li għaddejjin fuq il-bini ta' grawnd tal-futbol, m'għandhiex post fil-miftuħ għar-rikreazzjoni tal-istudenti? Jista' jgħid ukoll hemmx xi pjan li din l-istess skola tiġi rrinovata, għaliex parti minnha ma tistax tintuża, hemm diversi twieqi mkissrin, m'hemmx lift, nieqsa minn kmamar kbar biżżejjed, fiha klassijiet mingħajr interactive whiteboard u diversi nuqqasijiet oħra?

06/02/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għan tal-iskola, bħal kull skola oħra, hi li dejjem tagħti servizz utli lill-istudenti li jattendu fiha.

Seduta 224
25/03/2024

**IL-GŻIRA - TRIQ MANOEL U PARTI MINN TRIQ KARLU MANCHè – XOGĦLIJIET**

**16225. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li Triq Manoel u parti minn Triq Karlu Manchè, fil-Gżira, humiex se jsiru żoni pedonali? Dan għaliex wara li suppost tlesta x-xogħol fuq dawn l-akkwati, bankina għad ma hemmx u ġaladarba għadhom jgħaddu l-karozzi din iż-żona saret perikoluża immens?

06/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 224
25/03/2024

**TAS-SLIEMA, IL-GŻIRA U TA' XBIEX – XOGĦOL FUQ IL-PROMENADE**

**16226. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid hemmx xi pjan li x-Xatt ta' Ta' Xbiex u tal-Gżira (il-promenade), kif ukoll ta' Tas-Sliema, jsirilhom upgrade tant meħtieġ? Jekk iva, meta se jinbeda x-xogħol f'kull lokalità?

06/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 224
25/03/2024

**TAS-SLIEMA, IL-GŻIRA U TA' XBIEX – XOGĦOL FUQ IL-PROMENADE**

**16227. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu u l-Indafa Pubblika: Jista' l-Ministru jgħid hemmx xi pjan li x-Xatt ta' Ta' Xbiex u tal-Gżira (il-promenade), kif ukoll ta' Tas-Sliema, isirilhom upgrade tant meħtieġ? Jekk iva, meta se jinbeda x-xogħol f'kull lokalità?

06/02/2024

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li TZRA diġà għaddejja bix-xogħlijiet tagħha fuq ix-Xatt ta' Tas-Sliema li jinkludu tiswijiet ta' railings u railings ġodda f'żoni speċifiċ tul il-promenade, bankijiet, fanali u qsari ġodda, kif ukoll tiswijiet tal-pavimentar fejn neċessarju Dawn ix-xogħlijiet għaddejjin kontinwament u qed isiru b'konsultazzjoni ma' stakeholders oħra fosthom l-Enemalta u l-Public Works.
TZRA se tkun qed tibda wkoll xogħlijiet ta' tisbiħ u tiswija fix-Xatt tal-Gżira.

Seduta 224
25/03/2024

**TA' XBIEX - TRIQ TESTAFERRATA U TRIQ ENRICO MIZZI - XOGĦLIJIET**

**16228. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk Triq Testaferrata u Triq Enrico Mizzi f'Ta' Xbiex jistgħux jinbnew mill-ġdid, peress li l-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex żgur li m'għandux il-fondi sabiex jibnihom?

06/02/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta għaddejja jew ser twettaq ħidma infrastrutturali f'toroq li l-Kunsilli Lokali ressqu 'l quddiem biex isiru xogħlijiet fihom. Triq Enrico Mizzi fil-G¿ira hija fost il-lista ta' toroq li l-Kunsill Lokali ippropona lil Infrastructure Malta biex twettaq xogħlijiet fihom. Ix-xogħlijiet jikkonsisti f'bini tat-triq mill-ġdid, ir-rikostruzzjoni sħiħa tal-bankini, it-tisħiħ tas-sottoba¿i e¿istenti u s-saffi tal-asfalt tul il-medda kollha tat-triq flimkien mas-sinjali tat-toroq u l-marki tal-linji meħtieġa.

Seduta 224
25/03/2024

**ŻWIĠIJIET**

**16229. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm żwiġijiet bejn l-2010 u l-2023 maqsuma b'sena sena u kemm kien hemm żwiġijiet bil-Knisja bejn l-2010 u l-2023 maqsuma b'sena sena?

06/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni tinsab it-tabelli t'hawn taħt:

| MARRIAGES 2010 TO 2023<br>By Dates of Marriage - Gozo Only | | |
|---|---|---|
| | | |
| YEAR | RELIGIOUS | CIVIL |
| | | |
| 2010 | 193 | 47 |
| 2011 | 147 | 38 |
| 2012 | 156 | 55 |
| 2013 | 125 | 48 |
| 2014 | 158 | 62 |
| 2015 | 143 | 69 |
| 2016 | 135 | 73 |
| 2017 | 139 | 77 |
| 2018 | 129 | 82 |

| | | |
|---|---|---|
| 2019 | 98 | 70 |
| 2020 | 46 | 29 |
| 2021 | 150 | 38 |
| 2022 | 118 | 68 |
| 2023 | 131 | 80 |

| MARRIAGES 2010 TO 2023<br>By Dates of Marriage - Malta Only | | |
|---|---|---|
| | | |
| YEAR | RELIGIOUS | CIVIL |
| | | |
| 2010 | 1547 | 740 |
| 2011 | 1444 | 838 |
| 2012 | 1490 | 1036 |
| 2013 | 1248 | 1065 |
| 2014 | 1317 | 1231 |
| 2015 | 1373 | 1284 |
| 2016 | 1262 | 1451 |
| 2017 | 1222 | 1405 |
| 2018 | 1123 | 1382 |
| 2019 | 1007 | 1376 |
| 2020 | 315 | 714 |
| 2021 | 1006 | 992 |
| 2022 | 1032 | 1217 |
| 2023 | 834 | 1194 |

Seduta 224
25/03/2024

**FASTIDJU SESSWALI - PERSUNI MRESSQA L-QORTI**

**16902. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15084 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni u jgħid kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata b'reat marbut ma' fastidju sesswali fis-sena 2020? Jista' jipprovdi l-eżitu ta' dawn il-kawżi?

29/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat ill fis-sena 2020 kien hemm ħdax (11)-il persuna li tressqet il-Qorti akkużati b'reat marbut ma' fastidju sesswali. Il-proċess għadu *sub judice* f'ħames (5) każi. F'żewġ (2) każijiet il-persuna lliberata. Fi tliet (3) każi oħra il-persuna kkonċernata ġiet meħlusa b'kondizzjoni u kien hemm każ (1) fejn il-proċeduri ġew eżawriti.

Seduta 224
25/03/2024

**VJOLENZA DOMESTIKA - PERSUNI MRESSQA L-QORTI**

**16903. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15085 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni u jgħid kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata b'reat marbut ma' vjolenza domestika fis-sena 2023? Jista' jipprovdi l-eżitu ta' dawn il-kawżi?

29/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi dwar reati marbuta ma' vjolenza domestika, fis-sena 2023 kien hemm ħamsa u ħamsin (55) każ ta' persuni li tressqu l-qorti mill-pulizija f'Għawdex. F'Malta, kien hemm elfejn u dsatax (2019) -il każ ta' persuni li ġew imressqa fuq l-istess reati mill-GBDVU. Dwar l-eżitu ta' dawn il-każi, din l-informazzjoni mhux disponibbli u hemm proċess biex din tkun disponibbli għal din is-sena, meta l-proċess jitlesta.

Seduta 224
25/03/2024

**VJOLENZA DOMESTIKA - PERSUNI MRESSQA L-QORTI**

**16904. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15086 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni u jgħid kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata b'reat marbut ma' vjolenza domestika fis-sena 2022? Jista' jipprovdi l-eżitu ta' dawn il-kawżi?

29/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi dwar reati marbuta ma' vjolenza domestika, fis-sena 2022 kien hemm erbgħa u sittin (64) każ ta' persuni li tressqu l-qorti mill-pulizija f'Għawdex. F'Malta, kien hemm elf sitt mija u sittin (1660) każ ta' persuni li ġew imressqa fuq l-istess reati mill-GBDVU. Dwar l-eżitu ta' dawn il-każi, din l-informazzjoni mhux disponibbli u hemm proċess biex din tkun disponibbli għal din is-sena, li fiha il-proċeduri fil-qrati ġew ċentralizzata u ma baqgħux mifruxa ma' diversi seduti distrettwali.

Seduta 224
25/03/2024

**VJOLENZA DOMESTIKA - PERSUNI MRESSQA L-QORTI**

**16905. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15087 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni u jgħid kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata b'reat marbut ma' vjolenza domestika fis-sena 2021? Jista' jipprovdi l-eżitu ta' dawn il-kawżi?

29/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi dwar reati marbuta ma' vjolenza domestika fis-sena 2021 kien hemm tlieta u ħamsin (53) każ ta' persuni li tressqu l-qorti mill-pulizija f'Għawdex. F'Malta, kien hemm elf sebgħa mija u sebgħa u sebgħin (1777) każ ta' persuni li ġew imressqa fuq l-istess reati mill-GBDVU. Dwar l-eżitu ta' dawn il-każi, din l-informazzjoni mhux disponibbli u hemm proċess biex din tkun disponibbli mis-sena 2022, id-data meta l-proċeduri fil-qrati ġew ċentralizzata u ma baqgħux mifruxa ma' diversi seduti distrettwali.

Seduta 224
25/03/2024

**VJOLENZA DOMESTIKA - PERSUNI MRESSQA L-QORTI**

**16906. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15088 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni u jgħid kemm-il persuna tressqet il-Qorti akkużata b'reat marbut ma' vjolenza domestika fis-sena 2020? Jista' jipprovdi l-eżitu ta' dawn il-kawżi?

29/02/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi dwar reati marbuta ma' vjolenza domestika, fis-sena 2020 kien hemm ħamsin (50) każ ta' persuni li tressqu l-qorti mill-pulizija f'Għawdex. F'Malta, meta l-każi ta' vjolenza Domestika ġew ċentraliżżati minn Ottubru 2020 mat-Taqsima tal-GBDV, kien hemm erba' mija u sittin (460) każ ta' persuni li ġew imressqa fuq l-istess reati. Dwar l-eżitu ta' dawn il-każi, din l-informazzjoni mhux disponibbli u hemm proċess biex din tkun disponibbli mis-sena 2022, id-data meta l-proċeduri fil-qrati ġew ċentralizzati u ma baqgħux mifruxa ma diversi seduti distrettwali.

Seduta 224
25/03/2024

**SANTA VENERA - TRIQ GF AGIUS DE SOLDANIS - ĊINT**

**16911. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 10374 ta' din il-leġislatura, imwieġba nhar is-26 ta' Ġunju 2023, li fiha l-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali kien qal li jinsab infurmat "mill-Kunsill Lokali ta' Santa Venera illi iċ-ċint in-kwistjoni qiegħed jipprotrudi fuq bankina pubblika" u li l-istess kunsill informa "lill-Awtorità tal-Ippjanar b'dan il-każ għal kull azzjoni meħtieġa minn naħa tagħhom.", jista' l-Ministru jgħid x'ħidma saret minn dakinhar u x'passi ttieħdu sabiex il-bankina ma tibqax imblukkata?

29/02/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità m'għandhiex din il-kompetenza.

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - - ADVISORY COST LIMIT GĦAL ĠBIR TA' INFORMAZZJONI**

**17086. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15432, jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-advisory cost biex tinġabar l-informazzjoni kif mitluba f'dik il-mistoqsija parlamentari?

06/03/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17073.

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - ADVISORY COST LIMIT GĦAL ĠBIR TA' INFORMAZZJONI**

**17087. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15433, jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-advisory cost biex tinġabar l-informazzjoni kif mitluba f'dik il-mistoqsija parlamentari?

06/03/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17073.

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - ADVISORY COST LIMIT GĦAL ĠBIR TA' INFORMAZZJONI**

**17088. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15434, jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-advisory cost biex tinġabar l-informazzjoni kif mitluba f'dik il-mistoqsija parlamentari?

06/03/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari 17073.

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - ADVISORY COST LIMIT GĦAL ĠBIR TA' INFORMAZZJONI**

**17089. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15435, jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-advisory cost biex tinġabar l-informazzjoni kif mitluba f'dik il-mistoqsija parlamentari?

06/03/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 17073.

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - ADVISORY COST LIMIT GĦAL ĠBIR TA' INFORMAZZJONI**

**17090. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15436, jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-advisory cost biex tinġabar l-informazzjoni kif mitluba f'dik il-mistoqsija parlamentari?

06/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 17073.

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - ADVISORY COST LIMIT GĦAL ĠBIR TA' INFORMAZZJONI**

**17091. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15437, jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-advisory cost biex tinġabar l-informazzjoni kif mitluba f'dik il-mistoqsija parlamentari?

06/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17073.

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI – BORDIJIET TA’ ENTITAJIET, AĠENZIJI U AWTORITAJIET – MEMBRI**

**17197. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista’ l-Ministru jgħid jekk fuq il-bordijiet ta’ entitajiet, aġenziji u awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu hemmx membri appuntati li jokkupaw il-kariga ta’ Segretarju Permanenti jew Segretarju Permanenti Ewlieni? Jista’ jgħid min huma dawn il-persuni u kemm jitħallsu, inklużi l-perkaċċi varji u fuq liema Bord iservu?

08/03/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fuq il-bordijiet ta’ entitajiet, aġenziji u awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru m’hemmx appuntati Segretarji Permanenti jew Segretarju Permanenti Ewlieni.

Seduta 224
25/03/2024

**ĊIMITERJU TAL-ADDOLORATA – ŻAMMA TAL-OQBRA**

**17198. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B’referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15638 jista’ l-Ministru jgħid kemm hemm oqbra li huma uffiċjalment issiġillati? Jista’ jgħid ukoll jekk jikkonsidrax li tinbidel il-linja amministrattiva li ttieħdet u l-istat tal-oqbra u l-post jiġu miżmuma aħjar?

08/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li ma tinżamm l-ebda statistika ta’ oqbra li huma ssiġillati b’testment għax din l-informazzjoni tinżamm biss fid-dokumenti relatati mal-qabar speċifiku.

Dawn l-oqbra huma meqjusa bħala propjetà privata u jibqgħu hekk anke jekk dan jiġi ddikjarat issiġillat b’testment jew ordni tal-qorti jew b’mod legali ieħor u għalhekk ma jistax jintmess mingħajr il-kunsens tas-sid.

F'każijiet fejn waqt spezzjoni jew ilmenti isir magħruf li hemm xi periklu, s-sidien jew werrieta jiġu kkuntattjati biex titranġa s-sitwazzjoni. Jekk l-ebda nformazzjoni ma tkun disponibbli allura l-periklu jitneħħa mill-kumpanija li tmexxi ċ-ċimiterju tal-Addolorata wara konsultazzjoni mal-Uffiċċju Regolatorju tad-Dfin.

Ir-responsabbiltà taż-żamma taċ-ċimiterju tinvolvi wkoll knis u qtugħ regolari tal-ħaxix ħażin fil-passaġġi u madwar oqbra kemm privati kif ukoll komuni.

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - BORDIJIET TA’ ENTITAJIET, AĠENZIJI U AWTORITAJIET – MEMBRI**

**17199. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista’ l-Ministru jgħid jekk fuq il-bordijiet ta’ entitajiet, aġenziji u awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu hemmx membri appuntati li jokkupaw il-kariga ta’ Segretarju Permanenti jew Segretarju Permanenti Ewlieni? Jista’ jgħid min huma dawn il-persuni u kemm jitħallsu, inklużi l-perkaċċi varji u fuq liema Bord iservu?

08/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m’hemm l-ebda Segretarju Permanenti jew Segretarju Permanenti Ewlieni li jokkupaw kariga fuq il-bordijiet ta’ entitajiet, aġenziji u awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru.

Seduta 224
25/03/2024

**ĦAL GĦAXAQ – PERSUNI JIRĊIEVU L-GĦAJNUNA SOĊJALI**

**17200. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni li kienu qed jirċievu l-Għajnuna Soċjali tul is-sena 2023 li huma residenti f'Ħal Għaxaq? Jista' jgħid kemm minnhom kienu nisa u kemm irġiel?

08/03/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ammont ta' persuni li kienu jirċievu l-Għajnuna Soċjali matul Diċembru 2023 fil-lokalità msemmija huwa kif qed jidher fit-tabella t'hawn taħt.

| **Lokalità** | **Irġiel** | **Nisa** | **Total** |
|---|---|---|---|
| ĦAL GHAXAQ | 19 | 57 | 76 |

Seduta 224
25/03/2024

**ĦAL TARXIEN – PROĠETT TA' RIĠENERAZZJONI TAL-PJAZZA U Z-ZUNTIER QUDDIEM IL-KNISJA PARROKKJALI**

**17201. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9428 jista' l-Ministru jgħid jekk il-pjanijiet għar-riġenerazzjoni tal-Pjazza ta' Ħal Tarxien humiex lesti u meta huwa previst li ser jinbeda x-xogħol?

08/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dettalji tad-disinn tal-proġett qed jiġu finalizzati u qed jiġi ppreparat il-pakkett għas-sejħa għall-offerti u huwa ippjanat li din tiġi ppubblikata fix-xhur li ġejjin.

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - BORDIJIET TA' ENTITAJIET, AĠENZIJI U AWTORITAJIET – MEMBRI**

**17202. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk fuq il-bordijiet ta' entitajiet, aġenziji u awtoritajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħu hemmx membri appuntati li jokkupaw il-kariga ta' Segretarju Permanenti jew Segretarju Permanenti Ewlieni? Jista' jgħid min huma dawn il-persuni u kemm jitħallsu, inklużi l-perkaċċi varji u fuq liema Bord iservu?

08/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li m'hemmx membri appuntati li jokkupaw il-kariga ta' Segretarju Permanenti jew Segretarju Permanenti Ewlieni fil-bordijiet ta' entitajiet, aġenziji u awtoritajiet li jaqgħu taħt dan il-Ministeru.

Seduta 224
25/03/2024

**ANNIMALI INFETTATI BIL-'BLUE TONGUE', BRUCELLA JEW TUBERKULOŻI**

**17253. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk instabux annimali infettati bil-mard relatat mal-'blue tongue', brucella jew tuberkulożi minn Jannar 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari maqsuma xahar b' xahar? Jekk fl-affermattiv, jista' jgħid x'passi ttieħdu mill-Veterinary and Phytosanitary Regulation Division (VRD)?

11/03/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 224
25/03/2024

**MAGĦLEF LI TINŻERA' FUQ ART AGRIKOLA MALTIJA**

**17254. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jara li jsiru l-arranġamenti neċessarji biex art agrikola li preżentement mhux tinħadem, kemm tal-Gvern kif ukoll tal-privat, tiġi mgħoddija lill-bdiewa u r-raħħala Maltin u Għawdxin biex fejn ma jinżergħux prodotti agrikoli, ikun jista jinżera' magħlef u b'hekk jiġu ffrankati ħafna spejjeż biex jiġi impurtat magħlef minn barra l-pajjiż?

11/03/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-twaqqif tal-Aġenzija Riżorsi Agrikoli Malta f'Novembru li għadda, kien propju sabiex tħares primarjament lejn il-ħarsien tal-art agrikola f'sens illi l-art agrikola tibqa' tiġi kkultivata u maħduma minn bdiewa u raħħala ġenwini. Għaldaqstant, kif kien ukoll ġie stabbilit fil-White Paper dwar ir-riforma fil-qasam tar-raba', il-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli ser ikun qed jaħdem fuq miżuri sabiex art agrikola tibqa' tiġi maħduma mill-bdiewa u r-raħħala għal kull bżonn, inkluż dak sabiex jinżera' magħlef.

Seduta 224
25/03/2024

**MOGĦOŻ U NGĦAĠ MALTIN - ĠENETIKA**

**17255. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x' qed isir biex il-ġenetika tal-mogħoż u n-nagħaġ Maltin tinżamm?

11/03/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. li sa issa qatt ma kien hemm deskrizzjoni uffiċċjali jew standard li jiddeskrivi l-karatteristiċi tal-moġħża jew nagħġa Maltija. Madankollu, il-Ministeru qed jaħdem qrib organizzazzjonijiet nazzjonali b'interess f'dan is-settur sabiex inkunu nistgħu niddefinixxu u nirkonoxxu l-istandard tal-mogħża u nagħġa Maltija.
Minkejja dan, xorta waħda konna proattivi peress li llum, permezz tal-publikazzjoni tal-Att dwar l-agrikoltura li gie varat aktar kmieni din is-sena, jistgħu jsiru regolamentati sabiex jiġu rirkonoxxuti dawn l-istandard tar-razzez lokali. B'hekk, illum għandna bażi legali sabiex nistgħu nibdew nirrikonoxxu l-moġħża u n-nagħġa Maltija bid-deskrizzjoni taghhom.

Ta' min isemmi ukoll lil il-merħla ta' nagħaġ u mogħoz li hemm ġewwa l-Għammieri, huma magħżula skont il-karatteristiċi Maltin hekk kif huma deskritti fil-kotba storici li jagħmlu referenza għar-razzez Maltin.

Seduta 224
25/03/2024

**TAĦLIT TA' RAZZA TAN-NGĦAĠ U MOGĦOŻ MALTIN MA' DAWK IMPORTATI**

**17256. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk f'każ ta' taħlit ta' razza tan-nagħaġ u mogħoż Maltin ma' dawk importati, jekk jinkiseb id-D.P.O (Protected Designation of Origin), dan ikunx jista' jinżamm? Jekk le, x'ser jagħmel il-Gvern biex appena jinkiseb id-D.P.O., dan ikun protett?

11/03/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 224
25/03/2024

**FARMERS MARKET - BEJGĦ TA’ PRODOTTI TAL-ĦALIB**

**17257. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista’ l-Ministru jgħid jekk hux minnu li qed jinbiegħu prodotti tal-ħalib mill-Farmers Market mingħajr id-Dairy Product Room No? Jista’ jgħid ukoll x'passi qed jittieħdu meta jinstabu prodotti mingħajr id-Dairy Product Room No.?

11/03/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-Farmers Market jinbiegħu prodotti tal-ħalib direttament minn raħħala u produtturi tal-istess prodotti tal-ħalib, bħal ġbejniet, li għandhom l-istabbiliment tagħhom approvat u rreġistrat mal-Kummissjoni għas-Sigurta’ tal-Ikel u l-merħla tagħhom reġistrata mid-Direttorat tar-Regolament Veterinarju. Dawn il-produtturi jingħataw numru ta’ approvazzjoni (Dairy Product Approval Number). Hemm ukoll numru zgħir ta’ raħħala u produtturi tal-prodotti tal-ħalib, bħal ġbejniet, li għandhom anqas minn seba’ nagħġiet jew mogħżiet, li jkunu jistgħu jbiegħu prodotti tal-ħalib direttament fil-Farmers Market jekk ir-razzett tagħhom ikun reġistrat mad-Direttorat tar-Regolament Veterinarju, hekk skont l-Avviż Legali 321 tal-2022, b’konformità mar-Regolament (KE) Nru 852/2004 u r-rekwiżiti tal-iġjene stabbiliti f’dawn ir-regolamenti.

Sabiex raħħala, bdiewa u produtturi tal-ħalib fost l-oħrajn ikunu jistgħu jarmaw u jbiegħu prodotti tal-ħalib mill-Farmers Market, iridu jissottomettu applikazzjoni lill-Malta Food Agency, li tiġi approvata mill-Market Regulation Unit tal-istess Aġenzija wara li jkunu ġew ivverifikati d-dokumenti meħtieġa u, fejn hemm bżonn anke jsiru verifiki ma’ entitajiet oħra responsabbli mis-saħħa u s-sigurtà tal-prodotti ikkonċernati. L-uffiċjala tal-Market Regulation Unit kontinwament jagħmlu ispezzjonijiet fil-Farmers Market Ta’ Qali u fil-Kottonera sabiex jivverifikaw li d-detenturi tal-permess qed ibiegħu l-prodotti skont l-applikazzjoni sottomessa minnhom u li għandhom l-approvazzjonijiet meħtieġa mill-entitajiet responsabbli, bħal fil-każ tal-ġbejniet tad-Direttorat tar-Regolament Veterinarju.

F’każ li l-ispetturi jsibu ksur tar-regolamenti, kif titlob il-Liġi Sussidjarja 117.31 li tirregola l-Farmers Markets, tittieħed azzjoni, li tista’ twassal għat-twaqqif tal-bejgħ tal-prodott mill-Farmers Market u/jew għas-sospensjoni tal-permess ta’ bejgħ mill-Farmers Market.

Dan ma jeskludix ukoll il-verifiki li jsiru mill-entitatjiet oħra responsabbli mill-bejgħ u tqegħid fis-suq ta’ prodotti tal-ħalib.

Seduta 224
25/03/2024

**XIRKA PRODUTTURI NGĦAĠ U MOGĦOŻ – PROĊESS BIEX JINSTAB POST**

**17258. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista’ l-Ministru jgħid fiex wasal il-proċess biex jinstab post fejn ikunu jistgħu jiltaqgħu x-Xirka Produtturi Ngħaġ u Mogħoż, li hija organizzazzjoni mhux governattiva?

11/03/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lil Onor. Interpellant li l-Ministeru li tiegħu jien responsabbli diġà qed joffri l-faċilitajiet tiegħu għad-dispozizzjoni tal-Għaqdiet mhux Governattivi li joperaw fil-qasam Agrikolu sabiex jorganizzaw il-laqgħat tagħhom. Barra minn hekk, jien infurmat li l-Ministeru responsabbli mill-Għaqdiet mhux Governattivi għandu postijiet apposta għal dan l-iskop.

Seduta 224
25/03/2024

**SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX – OUTPATIENTS - STENNIJA**

**17263. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-average waiting time fl-Outpatients tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex? Jista' jgħid ukoll x'miżuri ttieħdu jew qed jittieħdu biex il-waiting time jonqos?

11/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 224
25/03/2024

**GĦAWDEX – SIĠAR TAŻ-ŻEBBUĠ**

**17264. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu u ser jiġu meħuda regolarment mill-Ministeru fil-konfront tas-siġar taż-żebbuġ ġewwa Għawdex u x'inizjattivi qed jittieħdu f'dan ir-rigward?

11/03/2024

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant ghall-mistoqsija parlamentari 16574.

Seduta 224
25/03/2024

**GĦAWDEX - KUNTRATTI TA' BINI TA' TOROQ**

**17265. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Fid-dawl li t-toroq kollha ġewwa Għawdex jaqgħu taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar, jista' l-Ministru jgħid x'kien il-valur tal-kuntratti ta' bini ta' toroq li kellhom l-offerta milqugħa fis-snin 2020, 2021, 2022 u 2023 u kemm minnhom saru u kemm minnhom għadhom ma sarux?

11/03/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar laqa' 7 offerti għall-bini ta' toroq bejn is-snin 2020 u 2023. Il-valur tagħhom kien ta' Euro 4,206,753.40 (VAT eskluż). Minn dawn ix-xogħlijiet, tlestew fuq 3 offerti, filwaqt li hemm ix-xogħlijiet għaddejjin fuq 2 offerti, u fuq 2 offerti x-xogħlijiet għadhom ma bdewx.

Seduta 224
25/03/2024

**XEWKIJA, GĦAWDEX – TRIQ TAL-GIDI - XOGĦLIJIET**

**17266. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Fid-dawl illi Triq tal-Gidi fix-Xewkija taqa' taħt ir-responsabilità diretta tal-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar u peress li f'dawn l-aħħar disa' snin sar ħafna bini fiha, hi bla wiċċ u tinsab fi stat ħażin ħafna, jista' l-Ministru jindika bejn wieħed u ieħor meta ser jibda x-xogħol ta' bini u rikostruzzjoni ta' din it-triq?

11/03/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol fi Triq tal-Gidi mistenni jsir fix-xhur li ġejjin.

Seduta 224
25/03/2024

**XAGĦRA, GĦAWDEX - ĊENTRU ĊIVIKU – PROĠETT TAL-BINI MILL-ĠDID**

**17267. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jipprovdi informazzjoni rigward il-proġett tal-bini mill-ġdid taċ-Ċentru Ċiviku ġewwa x-Xagħra, Għawdex, liema proġett kien tħabbar iktar minn sena ilu? Jista' jgħid ukoll meta hu mistenni li dan il-proġett ikun lest?

11/03/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mis-Sovrintendenza tal-Patromonju Kulturali li x-xogħlijiet twaqqfu minħabba li l-kuntrattur radam bil-konkos dagħbien li sab fuq is-sit. L-aħħar informazzjoni li għandi hi li s-Sovrintendenza tal-Patromonju Kulturali qed jistennew spjega ta' x'ġara eżatt mill-perit.

Seduta 224
25/03/2024

**GĦAWDEX – DJAR TAL-ANZJANI – LISTA TA' STENNIJA**

**17268. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fil-preżent kemm hemm anzjani rġiel u nisa li jixtiequ jidħlu f'xi dar tal-anzjani ġewwa Għawdex? Jista' jgħid ukoll kemm hi l-waiting list (f'tul ta' żmien) biex l-anzjani f'Għawdex ikollhom dan is-servizz mill-Gvern?

11/03/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħalissa hemm sitta u ħamsin (56) applikazzjoni li jridu jiġu pproċessati. It-tabib ġerjatriku bħalissa għaddej bl-assessjar meħtieġ sabiex l-anzjani jkunu jistgħu jiġu ammessi fid-djar tal-anzjani.

Seduta 224
25/03/2024

**SPTAR KARIN GRECH - HOSPITAL ACTIVITY REPORT**

**17299. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14551, 14902, 15495 u 16645 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Hospital Activity Report għall-Isptar Karin Grech għas-snin bejn l-2013 sas-sena 2022?

11/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 224
25/03/2024

**SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX - HOSPITAL ACTIVITY REPORT**

**17300. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14550, 14901, 15494 u 16644 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Hospital Activity Report għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex għas-snin bejn l-2013 sas-sena 2022?

11/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 224
25/03/2024

**SPTAR MATER DEI - HOSPITAL ACTIVITY REPORT - 2022**

**17301. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14549, 14900, 15493 u 16643 u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-Hospital Activity Report għall-Isptar Mater Dei għas-sena 2022?

11/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 224
25/03/2024

**BELT VALLETTA - TRIQ MERKANTI - MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - MANUTENZJONI**

**17346. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-programm ta' manutenzjoni ta' dak li kien l-uffiċċju tal-Ministeru tiegħu fil-Belt Valletta, fi Triq Merkanti, biswit Kastilja?

13/03/2024

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-programm jinsab wieqaf għax wara li kien ġie aġġudikat it-tender għal xogħlijiet ta' tisbiħ u finituri f'Palazzo Parisio, Triq Merkanti, il-Belt Valletta, kien ġie mressaq appell li bħalissa għadu qed jinstema' fil-Qorti.

Seduta 224
25/03/2024

**ĠRIEĦI KKAWŻATI MINN SELF HARM – PERSUNI LI DDAĦĦLU L-ISPTAR**

**17347. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni, b'mod partikolari żgħażagħ, iddaħħlu l-isptar fuq ġrieħi kkawżati minn self harm? Jista' jagħti lista tal-etajiet tagħhom?

13/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat mir-records tal-Isptar Mater Dei jirriżulta li każ wieħed iddaħħal mill-2022 'l hawn b'kawża ta' self-harm.

Seduta 224
25/03/2024

**SINGLE PARENTS – SERVIZZI SOĊJALI**

**17348. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm persuni fuq is-servizz soċjali bħala single parents mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

13/03/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, l-ammont ta' persuni li kienu jirċievu s-servizz soċjali bħala single parents bejn l-2013 sa Frar 2024 huwa skont kif qed jidher fit-tabella t'hawn taħt.

F'din it-tabella wieħed jista jinnota kemm kienet suċċess is-sistema ta' Tapering, bejn 2013 u 2023 l-ammont ta' benefiċċju (SUP) Għajnuna Socjali single parent, naqas kważi b'terz.

| Benefiċċju | Persuna fuq l-SUP (Għajnuna Socjali single parent) |
|---|---|
| 2013 | 3,166 |
| 2014 | 3,100 |
| 2015 | 3,074 |
| 2016 | 2,876 |
| 2017 | 2,598 |
| 2018 | 2,392 |
| 2019 | 2,241 |
| 2020 | 2,279 |
| 2021 | 2,174 |
| 2022 | 2,047 |
| 2023 | 1,952 |
| Frar 2024 | 1,966 |

Seduta 224
25/03/2024

**DRUG ADDICT ASSISTANCE - BENEFIĊĊJU**

**17349. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li qed jirċievu d-Drug Addict Assistance mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

13/03/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ammont ta' persuni li kienu jirċievu l-Allowance li titħallas lil residenti ta' komunità terapewtika (DAD) bejn is-sena 2013 sa Frar 2024 huwa skont kif jidher fit-tabella t'hawn taħt.

| Benefiċċju | Persuni li kienu qed jirċievu l-Allowance li titħallas lil residenti ta' komunità terapewtika (DAD) |
|---|---|
| **2013** | 12 |
| **2014** | 15 |
| **2015** | 18 |
| **2016** | 18 |
| **2017** | 9 |
| **2018** | 14 |
| **2019** | 22 |
| **2020** | 19 |
| **2021** | 26 |
| **2022** | 32 |
| **2023** | 29 |
| **Sa Frar 2024** | 34 |

Seduta 224
25/03/2024

**SEVERE INTELLECTUAL DISABILITY ASSISTANCE - BENEFIĊĊJU**

**17350. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li qegħdin jirċievu s-Severe Intellectual Disability Assistance Allowance mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

13/03/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif qed tkun preżentata fi tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Tajjeb illi jingħad li, sa mis-sena 2015, id-dħul minn xogħol beda jiġi njorat fl-assessjar tal-pagament ta' din l-assistenza. Barra minn hekk mis-sena 2022, tneħħa għal kollox t-test tal-mezzi.

Inżid li, n-numri mogħtija fit-tabella li qed titpoġġafuq il-Mejda tal-Kamra, jirreferu għal dawk kollha li kienu qed jirċievu din l-assistenza, irrispettivament mit-tip ta' diżabilità.

Seduta 224
25/03/2024

**VISUAL IMPAIRMENT ASSISTANCE - BENEFIĊĊJU**

**17351. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni li qed jirċievu l-Visual Impairment Assistance mis-sena 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

13/03/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, l-ammont ta' persuni li kienu jirċievu l-Visual Impairment Assistance bejn l-2013 sa Frar 2024 huwa skont kif qed jidher fit-tabella t'hawn taħt.

| **Benefiċċju** | **Persuni fuq l-Assistenza għal Persuna b'Vista Batuta** |
|---|---|
| 2013 | 211 |
| 2014 | 277 |
| 2015 | 277 |
| 2016 | 308 |
| 2017 | 315 |
| 2018 | 345 |
| 2019 | 379 |
| 2020 | 391 |
| 2021 | 406 |
| 2022 | 414 |
| 2023 | 416 |
| Frar 2024 | 423 |

Seduta 224
25/03/2024

**SENSORY INTEGRATION THERAPY CENTRE – SERVIZZ TA' FEEDING**

**17382. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet ir-raġuni għalfejn is-servizz ta' Feeding fis-Sensory Integration Therapy Centre ġie sospiż fit-12 ta' Frar, 2023?

14/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16381.

Seduta 224
25/03/2024

**PERSONALISED JEW COMMUNAL PARKING BAYS – PROĊEDURA GĦAT-TNEĦĦIJA**

**17383. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-proċedura biex personalised jew communal parking bay titneħħa wara li dan il-parkeġġ ma jibqax użu għalih pereżempju minħabba li l-persuna b'diżabilità ma tkunx għadha toqgħod hemmhekk jew inkella tkun mietet?

14/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 16363.

Seduta 224
25/03/2024

**BLUE BADGE - MIŻURI KONTRA ABBUŻI**

**17384. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid x'miżuri qegħdin jittieħdu biex ma jkunx hemm abbuż minn blue badges u kif qed jiġi assigurat li ma jkunx hemm użu tal-blue badge minn persuni oħra għajr dawk li fuqhom tkun inħarġet il-blue badge?

14/03/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li Blue Badge tista' tintuża minn persuna li m'hijiex id-detentur tagħha, imbasta din tintuża fil-preżenza tad-detentur.
Barra minn hekk, sabiex jitnaqqas l-abbuż marbut mal-użu ta' Blue Badge minn persuni li m'humiex intitolati għaliha, il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità toffri taħriġ;

- lir-rekluti kollha tal-Korp tal-Pulizija,
- lill-uffiċċjali li huma parti, jew sa jkunu parti, mill-Uffiċċjali tal-Komunità fi ħdan il-Korp tal-Pulizija
- il-membri tal-korp li qed isegwu l-kors sabiex isiru Surġenti
- il-membri tal-korp li qed isegwu l-kors sabiex isiru Spetturi
- Uffiċċjali tal-Komunità fi ħdan il-LESA

Jingħata wkoll taħriġ lil operaturi ta' parkeġġi privati, kif ukoll lil membri tal-infurzar ta' Transport Malta. Ingħata taħriġ ukoll lill-ħaddiema tal-Gozo Channel Company Limited fejn l-uffiċċjali tal-infurzar tal-Kummissjoni għamlu *shadowing*fiż-żona tal-imbark tal-karozzi.
Il-Kummissjoni, fil-funzjoni ta' infurzar tagħha, tadotta approċċ edukattiv. Dan billi teduka u twissi lil min ikun qiegħed juża il-Blue Badge mhux skont il-liġi, kemm waqt ir-rondi li isiru mill-uffiċjali tagħha, kif ukoll meta tikkomunika ma' persuni li allegatament ikunu qed jabbużaw mill-Blue Badge.

Seduta 224
25/03/2024

**COMMUNAL PARKING BAYS – RAPPORTI DWAR ABBUŻ**

**17385. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il rapport sar dwar abbuż minn communal parking bays jew personalised parking bays għal persuni b'diżabilità fis-sena 2023 u lil liema entità saru?

14/03/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17386.

Seduta 224
25/03/2024

**BLUE BADGE – RAPPORTI DWAR ABBUŻ**

**17386. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il rapport sar dwar abbuż minn blue badge għal persuni b'diżabilità fis-sena 2023 u lil liema entità saru?

14/03/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li matul l-2023, il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità rċeviet 170 rapport dwar abbuż minn Blue Badge.

Seduta 224
25/03/2024

**BLUE BADGE – SUSPETT TA' ABBUŻ**

**17387. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid x'għandu jsir meta jkun hemm suspett li l-blue badge tkun ingħatat lil persuna li ma għandhiex bżonn il-blue badge?

14/03/2024

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi f'każ ta' tali suspett wieħed jista' jikkuntatja lit-Taqsima tal-Infurzar tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità.

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR - MOBILE JEW TELEPHONE LINE ALLOWANCES**

**17417. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-koordinatur tal-komunikazzjoni fil-Ministeru tagħha għandux/għandhiex mobile jew telephone line mħallas minn fondi pubbliċi?

14/03/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Nirreferi għad-dokument anness mat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 184.

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦALL-FINANZI - MOBILE JEW TELEPHONE LINE ALLOWANCES**

**17418. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-koordinatur tal-komunikazzjoni fil-Ministeru tiegħu għandux/għandhiex mobile jew telephone line mħallas minn fondi pubbliċi?

14/03/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għad-dokument anness mat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 184.

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - MOBILE JEW TELEPHONE LINE ALLOWANCES**

**17419. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-koordinatur tal-komunikazzjoni fil-Ministeru tiegħu għandux/għandhiex mobile jew telephone line mħallas minn fondi pubbliċi?

14/03/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nirreferi għad-dokument anness mat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 184.

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI - MOBILE JEW TELEPHONE LINE ALLOWANCES**

**17420. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-koordinatur tal-komunikazzjoni fil-Ministeru tiegħu għandux/għandhiex mobile jew telephone line mħallas minn fondi pubbliċi?

14/03/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għad-dokument anness mat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 184.

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI - MOBILE JEW TELEPHONE LINE ALLOWANCES**

**17421. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-koordinatur tal-komunikazzjoni fil-Ministeru tiegħu għandux/għandhiex mobile jew telephone line mħallas minn fondi pubbliċi?

14/03/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi għad-dokument anness mat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 184.

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - MOBILE JEW TELEPHONE LINE ALLOWANCES**

**17422. L-ONOR. EVE BORG BONELLO** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-koordinatur tal-komunikazzjoni fil-Ministeru tiegħu għandux/għandhiex mobile jew telephone line mħallas minn fondi pubbliċi?

14/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi għad-dokument anness mat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 184.

Seduta 224
25/03/2024

**SPTAR MATER DEI - PERSUNI TAĦT L-INFLUWENZA TAL-ALKOĦOL U/JEW DROGA LI DAĦLU FL-EMERĠENZA**

**17441. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17286 li oriġinarjament saret lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u ċjoè: B’referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijet parlamentari 16926, 16927 u 16928, jista’ l-Ministru jgħid, x’qed isir biex tiġi indirizzata ż-żieda allarmanti tan-numru ta’ persuni taħt l-influwenza tal-alkoħol u/jew droga li ddaħħlu l-Isptar Mater Dei?

15/03/2024

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tagħrif qed jinġabar.

Seduta 224
25/03/2024

**SPTAR MATER DEI - PERSUNI TAĦT L-INFLUWENZA TAL-ALKOĦOL U/JEW DROGA LI DAĦLU FL-EMERĠENZA**

**17442. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17286 li oriġinarjament saret lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva u ċjoè: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijet parlamentari 16926, 16927 u 16928, jista' l-Ministru jgħid, x'qed isir biex tiġi indirizzata ż-żieda allarmanti tan-numru ta' persuni taħt l-influwenza tal-alkoħol u/jew droga li ddaħħlu l-Isptar Mater Dei?

15/03/2024

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi dwar persuni taħt l-influwenza tal-alkoħol u/jew droga li jiddaħħlu l-Isptar Mater Dei, il-pulizija ġeneralment tiġi nfurmata meta jkun hemm każi ta' overdose, anke f'każ ta' drogi bi preskrizzjoni, biex tkun tista' tinvestiga. Infurmat li investigazzjonijiet isiru wkoll meta l-persuni jkunu ġew riferuti mill-pulizija stess fl-isptar. Il-pulizija, speċjalment dawn fit-taqsima ta' kontra droga, tagħti sehma wkoll biex tali materja tiġi ndirizzata. Dan hekk kif torganizza taħdidiet u diskussjonijiet matul is-sena skolastika fejn tisħaq fuq l-effetti negattivi ta' droga, kif ukoll l-alkoħol. Taħdidiet isiru wkoll f'positijiet oħra fil-komunità, biex jintlaħaq l-istess għan, fejn jirrigwarda persuni adulti.

Il-Ministeru u l-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi għandom wkoll ftehim mal-Caritas sabiex ikunu megħjuna joħorġu mill-vizzji dawk li jkunu qed jiskontaw sentenza l-ħabs

Seduta 224
25/03/2024

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - INKARIGI LI NGĦATAW LILL-PERITI**

**17449. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il inkarigu ngħata mill-Awtorità tal-Artijiet lil kull perit taħt il-Framework Agreement for the Provision of Professional Services of a Perit (Numru ta' Referenza: CT2132/2021) u jaqsam din l-informazzjoni taħt Lot 1, Lot 2 u Lot 3 tal-istess Framework Agreement?

15/03/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 224
25/03/2024

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET - PERITI - ĦLAS**

**17450. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallas kull perit mill-Awtorità tal-Artijiet sa issa u jaqsam din l-informazzjoni taħt Lot 1, Lot 2 u Lot 3 tal-Framework Agreement for the Provision of Professional Services of a Perit (Numru ta' Referenza: CT2132/2021)?

15/03/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 224
25/03/2024

**SPTAR AKUT TAS-SAĦĦA MENTALI ĠDID - PERMESSI TAL-BINI**

**17456. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti kopja tal-permessi tal-bini tal-isptar akut tas-saħħa mentali ġdid li kellu jinbena qrib l-Isptar Mater Dei?

15/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett ma kienx għadu wasal fl-istadju li jiħarġu l-permessi.

Seduta 224
25/03/2024

**SIĠĠIEWI – BINJA TAL-HOUSING - MAKKINARJU**

**17512. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jieħu azzjoni sabiex makkinarju fil-binja tal-housing quddiem il-monument tat-Tabib Nikol Zammit li qed jiġġenera ħsejjes insapportabbli għar-residenti tas-Siġġiewi matul il-lejl, jitwaqqaf? Jista' jgħid x'inhu dan il-makkinarju u xi skop għandu?

18/03/2024

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol għaddej ġmielu fil-binja tal-housing tas-Siġġiewib'investiment ta' €12.4 miljun li permezz tiegħu, madwar 80 familja se jkollom saqaf fuq rashom. Infurmat li biex innaqqsu l-ħin tal-istennija għal dawn il-familji u l-proġett jitlesta kemm jista' jkun malajr, kull meta jinqata' d-dawl jixgħel generator hekk kif il-blokka qiegħda temporanjament imqabbda ma' substation li tinsab ftit 'il boghod mill-binja. Madankollu ħadt nota tal-ilmenti li rċieva l-Onor. Interpellant u għaddejtha lill-awtoritajiet ikkonċernati.

Seduta 224
25/03/2024

**PRODOTT ENERGIE SHAKE COMPLETE**

**17513. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta l-prodott 'Energie Shake Complete' ser jerġa' jkun disponibbli peress li jinsab out of stock? Jista' jgħid ukoll jekk hux ser jingħataw rifużjoni lil min qed jixtrih hekk kif iridu iħallsu €73 fil-ġimgħa?

18/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li l-prodott 'Energie Shake Complete' qed jingħata.

Seduta 224
25/03/2024

**SIĠĠIEWI - DISABLED PARKING**

**17514. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk id-Disabled Blue Box li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament ġietx approvata minn Transport Malta? Jekk iva, jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-approvazzjoni inkluż id-data? Jekk le, x'azzjoni ser tkun qed tittieħed mil-awtorità responsabbli?

18/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lil Onor Interpellant li ninsab infurmat li għaddej komunikat bejn l awtorità u l- Kunsill Lokali.

Seduta 224
25/03/2024

**MALTA EUROVISION SONG CONTEST 2024 – ĦLAS LIS-SEMI-FINALISTI**

**17516. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Peress li t-12-il finalist li ppparteċipaw fil-finali ta' din is-sena nafu li (kif kien ukoll miktub fi-regolamenti), diġà ħadu l-€5,000 biex setgħu jaħdmu fuq il-video tal-kanzunetta tagħhom, u fid-dawl li fir-regolamenti li ħarġu għal-Malta Eurovision Song Contest 2024, jidher illi s-semi-finalisti kellhom jitħallsu s-somma ta' €300 kull wieħed, jista' għaldaqstant il-Ministru jgħid meta dawn ser jieħdu din is-somma mwiegħda lilhom?

18/03/2024

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab informat mill-PBS li kull min forna d-dettalji relattivi u neċessarji sabiex isir il-pagament tħallas skont il-proċeduri normali. Naturalment jekk hemm xi uħud li ma fornewx id-dettalji relattivi allura dawn jitħallsu hekk kif ifornu d-dettalji relattivi.

Seduta 224
25/03/2024

**SETTUR MEDIKU – STAFF**

**17517. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15096 u ċjoè jgħid kemm hemm ħaddiema fis-settur mediku?

18/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 224
25/03/2024

**SETTUR MEDIKU – STAFF**

**17518. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15096 u ċjoè jgħid kemm mill-ħaddiema fis-settur mediku huma mal-Gvern, kemm minnhom huma mal-privat u kemm minnhom jaħdmu kemm mal-Gvern kif ukoll mal-privat?

18/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 224
25/03/2024

**SPTARIJIET U RESIDENZI – TOBBA**

**17519. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15248 u ċjoè jgħid kemm huwa n-numru ta' tobba u speċjalisti f'kull grad u kull speċjalizzazzjoni fl-isptarijiet u residenzi kollha individwalment, sew dawk tal-Gvern kif ukoll dawk tas-settur privat?

18/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 224
25/03/2024

**SPTARIJIET U RESIDENZI – TOBBA**

**17520. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15248 u ċjoè jgħid kemm huma Maltin u kemm barranin u x'nazzjonalità għandhom in-numru ta' tobba u speċjalisti f'kull grad u kull speċjalizzazzjoni fl-isptarijiet u residenzi kollha individwalment?

18/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 224
25/03/2024

**SPTARIJIET U RESIDENZI – INFERMIERA**

**17521. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15247 u ċjoè jgħid kemm huwa n-numru ta' infermiera f'kull grad u kull speċjalizzazzjoni ġewwa l-isptarijiet u residenzi kollha individwalment, sew dawk tal-Gvern kif ukoll dawk fis-settur privat?

18/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li jien infurmat li hemm b'kollox 3,617 infermier impjegat fid-dekasteru ta' dan il-Ministeru. It-tqassim ta' dawn l-infermiera skont il-grad u fejn jaħdmu jinsab fit-Tabella li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 224
25/03/2024

**SPTARIJIET U RESIDENZI – INFERMIERA**

**17522. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15247 u ċjoè jgħid kemm huwa n-numru ta' infermiera f'kull grad u kull speċjalizzazzjoni ġewwa l-isptarijiet u r-residenzi kollha individwalment, sew dawk mal-Gvern kif ukoll dawk fis-settur privat u jgħid kemm minnhom huma Maltin, kemm huma barranin u x'nazzjonalità għandhom dawn tal-aħħar?

18/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta 224
25/03/2024

**ENEMED - NEFQA FUQ MARKETING U REKLAMAR**

**17570. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 17355 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17138, tista' l-Ministru tagħti break down tal-infiq tal-Enemed fuq marketing u reklamar sena b'sena bejn l-2015 u l-2023, u f'kull każ tindika min tħallas, kemm tħallas, ta' xiex, u jekk dan kienx b'direct order, talba għal kwotazzjonijiet, tender, contract for service jew xort'oħra?

18/03/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ir-reklamar tal-prodotti u servizzi ta' Enemed fis-suq lokali huwa parti mill-operat kummerċjali tal-kumpanija, bħalma tagħmel kull azjenda kbira oħra biex issostni l-kompetittività, l-operat u l-investiment li tagħmel fl-infrastruttura tagħha. Filwaqt li qed inpoġġi l-informazzjoni mitluba fuq il-Mejda tal-Kamra, inżid li parti minn dan ir-reklamar jew marketing sar bħala sostenn lil organizzazzjonijiet diversi bħala appoġġ għall-ħidma tagħhom u għal avvenimenti jew inizjattivi oħra li saru minnhom. Din l-għajnuna ngħatat b'mod partikolari lil numru ta' entitajiet sportivi, kif ukoll programmi televiżivi, websites jew inkella rivisti li jippromwovu l-qasam sportiv, kif ukoll lil NGOs li jaħdmu f'setturi varji, organizzazzjonijiet reliġjużi, istituzzjonijiet edukattivi u anke korpi kostitwiti. Enemed tieħu dawn l-inizjattivi bħala parti mill-impenn tagħha lejn il-komunità, bħalma jagħmlu kumpaniji oħra.
L-ammonti mogħtija jinkludu wkoll għajnuniet li ngħataw fost oħrajn lill-pompi tal-pertrol madwar il-pajjiż biex immodernizzaw id-dehra tagħhom. L-ammonti mogħtija lill-aġenziji tar-reklamar jinkludu wkoll il-ħlasijiet tar-reklamar lill-mezzi tal-midja u ta' pubbliċità differenti, bħalma huma programmi u stazzjonijiet tat-televiżjoni u tar-radju, gazzetti u midja soċjali.

Seduta 224
25/03/2024

**SAĦĦA MENTALI - NEFQA FUQ KAMPANJA TA' PREVENZJONI**

**17571. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17373, jista' l-Ministru jagħti lista ta' kif intefqu l-€149,546.97 fuq promozzjoni għas-saħħa mentali fis-sena 2023?

18/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għal-lista li qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 224
25/03/2024

**KALKARA - SKOLA PRIMARJA - XOGĦLIJIET**

**17573. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 17156 u 17311 u jgħid meta ser isiru x-xogħlijiet meħtieġa fl-Iskola Primarja tal-Kalkara, speċifikament fuq is-saqaf fejn hemm il-klassijiet tal-Kindergarten hekk kif l-istat li jinsab fih huwa ta' periklu kbir għall-istudenti u għalliema?

20/03/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għaddejin id-diskussjonijiet bejn l-istakeholders konċernati sabiex ix-xogħlijiet neċessarji jsiru bl-aktar mod sigur.

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLJIET PUBBLIĊI - DEPUTATI TAL-GVERN**

**17574. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 16001, 16631 u 17328 u jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qiegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

20/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub jinsab fit-tabella ta' hawn taħt.

Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub jinsab fit-tabella ta' hawn taħt.

| Isem | Bidu | Tmiem | Nomina |
|---|---|---|---|
| Christopher Agius | 12.07.2023 | To date | Chairperson |

Seduta 224
25/03/2024

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA - DEPUTATI TAL-GVERN**

**17575. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 16000, 16630 u 17327 u jgħid min kien/kienu d-Deputati tal-Gvern li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma jagħmlu parti min xi kumitati, panels u bordijiet fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qiegħdin iservu, il-kariga li kienu/li qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ngaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, minn Ministru eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju/honoraria tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol tagħhom, ta' kemm-il darba attendew fil-kumitat/bord/panels u kemm tħallsu jekk jitħallsu per sitting u l-ammont li tħallsu annwali?

20/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista ta' deputati li servew fuq kumitati jew bordijiet fil-perjodu msemmi

Seduta 224
25/03/2024

**REĠISTRAZZJONI TA' KUMPANIJA**

**17576. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17287 u jgħid jekk il-Ministru jew is-Segretarju Permanenti ta' dak iż-żmien kinux infurmati li s-sid tal-kumpanija li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament, irreġistra l-kumpanija eżattament kif beda l-involviment tiegħu fil-Ministeru għas-Saħħa, jiġifieri f'Mejju 2014?

20/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mhux infurmat jekk il-Ministru jew is-Segretarju Permanenti ta' dak iż-żmien kinux infurmati.

Seduta 224
25/03/2024

**KUMPANIJI REĠISTRATI F'MALTA LI M'GĦANDHOMX KONT BANKARJU F'MALTA**

**17589. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17364, jista' l-Ministru jgħid kemm mit-58% tal-kumpaniji reġistrati f'Malta li m'għandhomx IBAN Malti għandhom sidien benefiċjarji aħħarin (Ultimate Beneficial Owners) barranin?

20/03/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 224
25/03/2024

**KUMPANIJI REĠISTRATI F'MALTA - DIKJARAZZJONIJIET TAT-TAXXA**

**17590. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17366, jista' l-Ministru jgħid kemm mis-17,481 kumpanija fis-sena bażi 2021 u l-24,511 fis-sena bażi 2022 tal-kumpaniji reġistrati f'Malta li ma resqux dikjarazzjoni tat-taxxa għas-snin relatati għandhom sidien benefiċjarji aħħarin (Ultimate Beneficial Owners) barranin?

20/03/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi skont l-aħħar informazzjoni disponibbli għall-Amministrazzjoni tat-Taxxa u Dwana, liema informazzjoni hi bbażata fuq sottomissjonijiet tal-kumpaniji rispettivi lill-istess Amministrazzjoni, in-numru ta' kumpaniji li ma ressqux dikjarazzjoni tat-taxxa, u li jidhru li għandhom sidien benefiċjarji aħħarin barranin huwa indikat hawn taħt:

| Sena bażi | Numru ta' kumpaniji li ma bagħtux il-formola tat-taxxa | Numru ta' kumpaniji li għandhom sidien benefiċjarji aħħarin barranin |
|---|---|---|
| 2021 | 17,481 | 5,160 |
| 2022 | 24,511 | 8,241 |

Seduta 224
25/03/2024

**WASTESERV MALTA LTD - FAĊILITAJIET**

**17597. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tipprovdi lista tal-faċilitajiet kollha tal-WasteServ Malta Ltd, inklużi n-numri tal-permessi rispettivi tagħhom, u d-dati ta' skadenza ta' dawn il-permessi?

20/03/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Filwaqt li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni miltuba, ninforma lill-Onor Interpellant li il-faċilitajiet tal-WasteServ huma koperti minn permessi operattivi maħruġin mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA).

Seduta 224
25/03/2024

**WASTESERV MALTA LTD - FAĊILITAJIET - MULTI U ORDNIJIET**

**17598. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tipprovdi għal kull faċilità tal-Wasteserv Malta Ltd, dettalji dwar kwalunkwe multi u ordnijiet maħruġa lill-faċilitajiet, ir-referenza tagħhom, id-dati li fihom inħarġu, ir-raġunijiet, l-ammonti ta' kwalunkwe multa, jekk dawn il-multi tħallsux, u jekk l-ordnijiet inagħlqux?

20/03/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fl-aħħar tliet snin (2021, 2022 u 2023) ma nħarġu l-ebda multi u ordnijiet lill-faċilitajiet tal-Wasteserv. Il-faċilitajiet huma koperti minn permessi operattivi maħruġin mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA).

Seduta 224
25/03/2024

**ERA - AVVIŻI TA' INFURZAR GĦAS-SENA 2023**

**17599. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il avviż ta' infurzar ħarġet l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) fl-2023, u tgħid kemm minn dawn il-każi għadhom attivi?

20/03/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li fl-2023, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) ħarġet 650 multa aministrattiva u solviet numru ta' każijiet oħra mingħajr il-ħtieġa li tinħareġ Ordni ta' Waqfien u Konformità, filwaqt li nħarġu ħames avviżi ta' Waqfien u Konformità li għadhom attivi.

Seduta 224
25/03/2024

**ERA - AVVIŻI TA' INFURZAR GĦAS-SENA 2022**

**17600. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il avviż ta' infurzar ħarġet l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) fl-2022, u tgħid kemm minn dawn il-każi għadhom attivi?

20/03/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 224
25/03/2024

**ERA - MULTI AMMINISTRATTIVI**

**17601. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tagħti informazzjoni dwar kemm mill-multi amministrattivi maħruġa mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) mill-2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari qabżu l-€25,000, u f'kull każ tgħid x'kienet ir-referenza tagħhom, fuq min inħarġu, l-ammont tal-multa, in-natura tal-ksur tar-regoli ambjentali li ġġustifikaw tali penali, u jekk dawn il-multi tħallsux?

20/03/2024

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 224
25/03/2024

**GĦAWDEX - TRIQ MARSALFORN GĦAR-RABAT - WIED**

**17602. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm se tkun l-area totali f'metri kwadri mill-wied li ser tittieħed biex issir parti mill-proġett infrastrutturali tat-twessiegħ tat-triq li tagħti minn Marsalforn għar-Rabat Għawdex?

20/03/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett tar-rikostruzzjoni tat-Triq ta' Marsalforn mhux ser ikun qed jagħmel l-ebda intervent fuq il-wied, dan għaliex il-parti l-kbira tax-xogħol ħa jsir kollhu fuq it-triq eżistenti u biswit, apparti għall-ftuħ ta' Triq Ġorġ Pisani. Fil-ftuħ tat-Triq Ġorġ Pisani il-wied xorta mhux ser ikun qed jintmess, għall-kuntrarju dan il-proġett ser ikun qed jinkludi sistemi ta' immaniġjar tal-ilma aħjar, li ħa jtejbu l-istat eżistenti tal-wied.

Seduta 224
25/03/2024

**ROTTA NUMRU 82**

**17639. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux ser ikun hemm aktar tibdil fir-rotta numru 82 u din hux ser tkompli tgħaddi minn Triq Ta' Feliċjan? F'każ illi iva, jista' jgħid x'inhuma l-miżuri li ser jittieħdu sabiex il-vetturi tat-trasport pubbliku ma jibqħux jeħlu f'diversi partijiet tar-rotta u ma jibqgħux ikunu ta' periklu għal min ikun qed juża l-bankina jew joħroġ il-karozza mid-drive-in?

21/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi wara taħditiet li saru bejn Transport Malta u l-Kunsill Lokali ta Bir¿ebbuġa, intlaħaq qbil fejn ir-rotta 82 ser tkun qiegħda tinqasam fi tnejn.

§ Ir-rotta 82 ser tkun qiegħda sservi r-rotta kif kienet qabel it-tibdil li seħħ dan l-aħħar, billi topera bi frekwenza ta' erbgħa vjaġġi fis-siegħa (ħinijiet kunsidrati *peak*).

§ Ir-rotta 82A ser tkun qiegħda tgħaddi hekk kif ġiet modifikata reċentement, li ser tkun qiegħda topera kull siegħa.

Għaldaqstant it-traġitt tal-karozzi tal-linja f'Triq Feliċjan ser ikun qiegħed jitnaqqas minn ħames vjaġġi fis-siegħa għal vjaġġ wieħed.

Qabel ma kien sar dan it-tibdil kienu saru provi permezz ta' karozza tal-linja u din ma' kienet sabet ebda diffikultà sabiex timmanuvra.

Seduta 224
25/03/2024

**AWTORITÀ TAL-ARTIJIET – INFORMAZZJONI DWAR PLOT**

**17640. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17278 dwar allegat dikjarazzjonijiet foloz dwar titlu fuq plot li d-dettalji dwaru qed jintbagħtu separatament, fejn qed jiġi allegat ukoll illi anke jekk l-Awtorità tal-Artijiet kienet taf b'dan l-iżvilupp u li l-binja kellha parti minnha fuq art pubblika, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-file sħiħ, inkluż l-evalwazzjoni ta' dan il-plot sabiex jikkonferma illi l-parti pubblika tal-plot ma kenitx mibnija qabel mal-Bord tal-Awtorità tal-Artijiet approva l-bejgħ b'tender pubbliku tal-istess plot?

21/03/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Awtorita tal-Artijiet saret taf li l-binja msemmija kienet inbniet in parti fuq art pubblika wara li tlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni. Fil-fatt id-dokumenti tat-tender pubbliku li kopja tiegħu qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra, jagħti dettalji dwar l-istat li fih kien is-sit meta nħareġ it-tender.
Minkejja li l-iżviluppaturi baqgħu jinsistu fuq il-pretensjoni tagħhom li huma s-sidien tal-art kollha, wara l-verifiki kollha neċessarji u l-konferma li parti mill-art hija art pubblika, l-Awtorità tal-Artijiet ikkonkludiet li din kienet art pubblika u li dwarha kellha toħroġ tender.
Jiġi nnutat li dan il-proċess segwa r-regolamenti stabbiliti u anke saret il-verifika meħtieġa mill-Awditur tal-Awtorità.

Seduta 224
25/03/2024

**DJAR TAL-ANZJANI F'MALTA U F'GĦAWDEX - ALLOKAZZJONI GĦAL KULL PERSUNA**

**17641. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hija l-allokazzjoni għal kull persuna kull jum (fi flus) u dar dar għall-ikel fid-djar tal-anzjani f'Malta u f'Għawdex fejn hemm ftehim ta' xiri ta' sodod jew Public-Private Partnership (PPP)?

21/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li peress li d-djar tal-anzjani fejn hemm ftehim ta' xiri ta' sodod jew Public-Private Partnership (PPP) huma mmexxija mill-privat, l-allokazzjoni għal kull persuna kuljum (fi flus) ma ssirx mill-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità, għalhekk din l-informazzjoni mitluba mhix disponibbli.

Seduta 224
25/03/2024

**BCA – BENNEJJA LIĊENZJATI**

**17642. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: B'referenza għat-tweġibiet tal-mistoqsijiet parlamentari 7759 u 17219, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dokumentazzjoni wara konsultazzjoni mal-Kummissarju għall-Informazzjoni u l-Protezzjoni tad-data li turi għaliex fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni (BCA) m'għandux jibqa' juri l-Lista ta' Bennejja Liċenzjati, liema prassi mhux applikata f'ċirkostanzi oħra simili?

21/03/2024

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 224
25/03/2024

**TITOLU FUQ ART**

**17643. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid x'kien it-titolu li kellu l-privat fuq art tal-Gvern li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament, li kienet u għadha qed tintuża bħala campsite u/jew min kellu l-pussess tal-art bejn 2004 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-file sħiħ tal-art in kwistjoni?

21/03/2024

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 224
25/03/2024

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - APPLIKAZZJONIJIET**

**17644. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17029 u jgħid kemm kien hemm applikazzjonijiet minuri, maġġuri u dawk illi jinħtiegu Environmental Impact Assessment għand l-Awtorità tal-Ippjanar fil-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari illi għadhom ma ġewx deċiżi wara li għadda ż-żmien stipulat mill-liġi?

21/03/2024

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tal-Ippjanar qed tagħmel dak kollu possibbli sabiex l-applikazzjonijiet jiġu deċiżi b'mod aktar spedit.

Seduta 224
25/03/2024

**NATIONAL RESEARCH AND INNOVATION PLAN 2023-2027**

**17648. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru permezz tas-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra in-National Research and Innovation Plan 2023-2027?

21/03/2024

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dokument mitlub qed jitpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 224
25/03/2024

**BIRKIRKARA - TRIQ TUMAS FENECH - SPRALL**

**17653. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk Infrastructure Malta (IM) jew Transport Malta (TM) humiex inkarigati mill-isprall li jinsab jaqsam Triq Tumas Fenech f'Birkirkara (quddiem iċ-Ċentru Ċiviku) u jekk le, jista' jgħid jekk huwiex il-Kunsill inkarigat minn dan?

21/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 224
25/03/2024

**OUTPATIENTS BLOCK ĠDID - PERMESSI TAL-BINI**

**17654. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17455 u jagħti kopja tal-permessi tal-bini tal-Outpatients Block ġdid li kellu jinbena qrib l-Isptar Mater Dei?

21/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 224
25/03/2024

**OUTPATIENTS BLOCK ĠDID – NEFQA FI STUDJI U APPLIKAZZJONIJIET**

**17655. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17454 u ċjoè: Fid-dawl li kien qed jiġi ppjanat li jinbena Outpatients Block ġdid fejn l-Isptar Mater Dei, jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu flus pubbliċi fi studji u applikazzjonijiet, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

21/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninsab infurmat li saru ħlasijiet li jammontaw għal €10,958.26 għal studji u applikazzjonijiet.

Seduta 224
25/03/2024

**SPTAR AKUT GĦAS-SAĦĦA MENTALI ĠDID - NEFQA FI STUDJI U APPLIKAZZJONIJIET**

**17656. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 17453 u jgħid kemm intefqu flus pubbliċi fi studji u applikazzjonijiet għal sptar ġdid li kellu jinbena għal kura tas-saħħa mentali fejn l-Isptar Mater Dei, sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

21/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 224
25/03/2024

**SPTAR MATER DEI – PROĠETT TA' PARKEĠĠ ĠDID GĦALL-ISTAFF**

**17657. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-proġett tal-parkeġġ ġdid għall-istaff biswit l-Isptar Mater Dei hux ser jitkompla? Jista' jgħid fiex wasal u x'timeframe hemm għat-tkomplija? Jista' jgħid ukoll kemm ser jakkomoda karozzi?

21/03/2024

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 17022.

Seduta 224
25/03/2024

**MCESD - PROGRAMM NAZZJONALI TA' RIFORMA 2024**

**17673. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jippreżenta l-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2024 ippreżentat lill-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (MCESD)?

21/03/2024

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Programm Nazzjonali ta' Riforma 2024 għadu qed jiġi konkluż. Dan ir-rapport ser ikun ippublikat wara li jiġi preżentat lill-Kummissjoni Ewropea.

Seduta 224
25/03/2024

**SETTUR ĊIVILI U S-SETTUR PUBBLIKU – REMOTE WORK**

**17674. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm uffiċjali fis-settur ċivili u fis-settur pubbliku jibbenefikaw minn remote work u f'liema gradi? Jista' jgħid ukoll kemm hu l-persentaġġ tal-ġimgħa li huwa ddedikat għal remote work minn ġimgħa ta' 40 siegħa?

21/03/2024

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nireferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15166.

Seduta 224
25/03/2024

**TRIQ IL-MARSA BEJN IL-KORSA TAL-GOLF U L-GĦAMMIERI - PERIKLU**

**17683. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jara li jitneħħa l-periklu serju li hemm fi Triq il-Marsa bejn il-Korsa tal-Golf u l-Għammieri, fejn hemm siġar ħerġin 'il barra miċ-ċint li qed iġiegħlu vetturi kbar inkluż vetturi tat-trasport pubbliku biex isuqu f'nofs ta' triq u jaqbżu l-marki tal-karreġġjati, b'periklu għall-vetturi ġejjin mid-direzzjoni opposta? Jista' jinnotifika lill-Ministru responsabbli mis-sigurtà fit-toroq biex jieħu azzjoni immedjata?

21/03/2024

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-rakkomandazzjoni ġiet innutata u li se ssir spezzjoni.

Seduta 224
25/03/2024